**Parlament Ewropew**

2014-2019

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**2015/2084(INL)**

10.2.2017

# ABBOZZ TA' RAPPORT

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Standards minimi komuni ta' proċedura ċivili fl-UE
(2015/2084(INL))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur għal opinjoni: Emil Radev

(Inizjattiva - Artikolu 42 tar-Regoli tal-Proċedura)

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW............................... 3

ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR STANDARDS MINIMI KOMUNI TA' PROĊEDURA ĊIVILI FL-UE..................................................................................................................................... 10

NOTA SPJEGATTIVA........................................................................................................ 30

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar Standards minimi komuni ta' proċedura ċivili fl-UE**
**(2015/2084(INL))**

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 67(4) u 81(2) TFUE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u l-ġurisprudenza rilevanti tagħha,

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma dwar "l-istabbiliment ta' standards minimi komuni għall-proċedura ċivili fl-Unjoni Ewropea – il-bażi ġuridika"[1],

– wara li kkunsidra l-istudju dwar il-Valutazzjoni tal-Valur Miżjud Ewropew mill-Unità tal-Valur Miżjud Ewropew tas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) bit-titolu "Standards minimi komuni tal-proċedura ċivili"[2],

– wara li kkunsidra l-analiżi fil-fond tas-Servizz ta' Riċerka tal-Membri tal-EPRS bit-titolu "L-Ewropizzazzjoni tal-proċedura ċivili: lejn standards minimi komuni?"[3],

– wara li kkunsidra l-analiżi dettaljata mid-Direttorat Ġenerali għall-politika interna bit-titolu "Regoli armonizzati u standards minimi fid-dritt Ewropew tal-proċedura ċivili"[4],

– wara li kkunsidra l-proġett tal-Istitut tad-Dritt Ewropew (IDE) u l-Istitut Internazzjonali għall-Unifikazzjoni tad-dritt Privat (UNIDROIT) dwar "From Transnational Principles to European Rules of Civil Procedure" (Minn Prinċipji Transnazzjonali għal Regoli Ewropej ta' Proċedura Ċivili),

– wara li kkunsidra l-"Principles of Transnational Civil Procedure" (Prinċipji ta' Proċedura Ċivili Transnazzjonali)[5] tal-American Law Institute (ALI)/UNIDROIT,

– wara li kkunsidra l-"Istudju dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet u regoli tal-Istati Membri dwar ċerti aspetti tal-proċedura tal-litigazzjoni ċivili", l-hekk imsejjaħ "Storme

---

[1] PE 572.853, Diċembru 2015.
[2] PE 581.385, Ġunju 2016.
[3] PE 559.499, Ġunju 2015.
[4] PE 556.971, Ġunju 2016.
[5] *Uniform Law Review,* 2004(4).

Report"[1],

– wara li kkunsidra s-sett preliminarju ta' dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi,

– wara li kkunsidra l-acquis Ewropew fil-qasam tal-kooperazzjoni fil-ġustizzja ċivili,

– wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) dwar il-prinċipji ta' awtonomija proċedurali nazzjonali u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva[2],

– wara li kkunsidra t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2016,

– wara li kkunsidra l-Istudji CEPEJ Nru 23 dwar "European judicial systems: efficiency and quality of justice" (Sistemi ġudizzjarji Ewropej: l-effiċjenza u l-kwalità tal-ġustizzja),

– wara li kkunsidra l-EJTN 2016 "Judicial Training Principles" (Prinċipji ta' Taħriġ Ġudizzjarju)[3],

– wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2014 *dwar l-eżami ta' nofs il-perjodu tal-Programm ta' Stokkolma*[4],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 46 u 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0000/2017),

***Il-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE dwar l-awtonomija proċedurali nazzjonali u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva***

A. billi, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-QtĠ-UE dwar il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, fejn m'hemm l-ebda regoli tal-Unjoni dwar l-aspetti proċedurali dwar tilwim li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni, l-Istati Membri huma responsabbli li jinnominaw il-qrati li għandhom ġurisdizzjoni u li jiddeterminaw ir-regoli ta' proċedura li taħthom jiġu protetti d-drittijiet tal-Unjoni;

B. billi, skont din l-istess ġurisprudenza, prijorità nazzjonali għal regoli proċedurali hija suġġetta għal żewġ kundizzjonijiet importanti: ir-regoli proċedurali nazzjonali ma jistgħux ikunu inqas favorevoli meta applikati għal tilwim li għandu x'jaqsmu mad-dritt

---

[1] M. Storme, Study on the approximation of the laws and rules of the Member States concerning certain aspects of the procedure for civil litigation (Studju dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet u regoli tal-Istati Membri dwar ċerti aspetti tal-proċedura tal-litigazzjoni ċivili (Rapport Finali, Dordrecht, 1994).
[2] Ara, inter alia: is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1976, Comet BV vs mill-Produktschap voor Siergewassen, 45/76, ECLI:EU:C:1976:191 u s-sentenza tal-15 ta' Mejju 1986, Marguerite Johnston vs Chief Constable of the Royal Ulster Constabulary, 222/84, ECLI:EU:C:1986:206.
[3] Disponibbli onlajn hawnhekk: http://www.ejtn.eu/PageFiles/15756/Judicial%20Training%20Principles_EN.pdf
[4] Testi adottati, *P7_TA(2014)0276.*

tal-Unjoni milli meta applikati għal azzjonijiet simili ta' natura domestika (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma għandhomx ikunu strutturati b'tali mod li jagħmlu l-infurzar tad-drittijiet u l-obbligi tal-Unjoni prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli (prinċipju ta' effettività);

C. billi fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet tal-Unjoni li jarmonizzaw ir-regoli proċedurali, is-supremazija tal-Istati Membri biex jipprovdu regoli proċedurali għall-infurzar tad-drittijiet tal-Unjoni ma testendix għall-introduzzjoni ta' rimedji ġodda fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali biex jiżguraw l-applikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni;[1]

***Il-Karta***

D. billi d-dritt għal proċess ġust, kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta u fl-Artikolu 6 tal-KEDB, jikkostitwixxi wieħed mill-garanziji fundamentali tal-istat tad-dritt u tad-demokrazija;

E. billi, minkejja l-fatt li l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea hija vinkolanti, u l-Artikolu 6 tal-KEDB, jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, il-livell ta' protezzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fi proċeduri ċivili, u b'mod partikolari l-bilanċ bejn id-dritt tar-rikorrent ta' aċċess għall-ġustizzja u d-drittijiet tad-difiża tal-konvenut, mhumiex armonizzati fl-UE kollha;

F. billi, madankollu, bħala dritt fundamentali, id-dritt għal proċess ġust ġie ikkompletat b'diversi miżuri leġiżlattivi sekondarji proċedurali tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament dwar it-Talbiet Żgħar[2], id-Direttiva dwar l-Għajnuna Legali[3], ir-Rakkomandazzjoni ta' Rimedju Kollettiv[4], id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet tal-Konsumatur[5] u d-Direttiva dwar azzjoni għad-danni għall-Kompetizzjoni[6];

***L-acquis tal-Unjoni fil-kooperazzjoni fil-ġustizzja ċivili***

G. Billi aktar ma jgħaddi ż-żmien, il-leġiżlatur tal-Unjoni jindirizza kwistjonijiet ta' proċedura ċivili mhux biss b'mod orizzontali, bħal fil-każ ta' strumenti fakultattivi,[7] iżda

---

[1] Ara, inter alia: is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, Unibet (London) Ltd u Unibet (International) Ltd vs Justitiekanslern (C-432/05, ECLI:EU:C:2007:163).
[2] Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1).
[3] Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn (ĠU L 26, 31.1.2003, p. 41).
[4] Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2013 dwar prinċipji komuni għal mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv ta' inġunzjoni u kumpensatorji fl-Istati Membri li jirrigwardaw il-ksur tad-drittijiet skont il-Liġi tal-Unjoni (ĠU L 201, 26.7.2013, p. 60).
[5] Direttiva 2009/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar inġunzjonijiet għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi (ĠU L 110, 1.5.2009, p. 30).
[6] Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjoni għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 349, 5.12.2014, p. 1).
[7] Ara, pereżempju, ir-Regolament Ewropew għal Talbiet Żgħar (ara n-nota ta' qiegħ il-

wkoll b'mod speċifiku għas-settur, fi ħdan diversi oqsma ta' politika, bħalma huma l-proprjetà intellettwali[1], il-protezzjoni tal-konsumatur[2] jew, dan l-aħħar, id-dritt tal-kompetizzjoni[3];

H. billi n-natura frammentarja tal-armonizzazzjoni proċedurali fil-livell tal-Unjoni ġiet kkritikata ripetutament u l-formazzjoni ta' dritt ta' proċedura ċivili tal-Unjoni speċifiku għas-settur tikkontesta l-koerenza kemm ta' sistemi domestiċi tal-proċedura ċivili kif ukoll tad-diversi strumenti tal-Unjoni;

I. billi l-għan tad-Direttiva proposta hu li tintroduċi qafas għall-aġġudikazzjoni tal-ġustizzja ċivili billi jiġu sistematizzati regoli eżistenti tal-Unjoni ta' proċedura ċivili u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom għall-materji kollha li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni;

***Il-bażi legali tal-proposta***

J. filwaqt li fil-qafas attwali tat-Trattat, il-bażi ġuridika għall-armonizzazzjoni tal-proċedura ċivili tinstab fit-Titolu V TFUE, fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja;

K. billi skont l-Artikolu 67(4) TFUE l-Unjoni għandha tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari permezz tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u extraġudizzjarji f'materji ċivili, kif intwera fl-Artikolu 81 TFUE;

***Fiduċja Reċiproka fl-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew***

L. billi l-moviment liberu ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji huwa marbut mal-ħtieġa li jinħoloq livell suffiċjenti ta' fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri differenti fir-rigward, b'mod partikolari, il-livell ta' protezzjoni ta' drittijiet proċedurali;

M. billi l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka jservi għal aktar ċertezza legali, sabiex iċ-ċittadini u n-negozji tal-Unjoni jkollhom stabbiltà u prevedibbiltà biżżejjed;

N. billi sistema ta' standards minimi komuni tal-Unjoni fil-forma ta' prinċipji u regoli, isservi bħala l-ewwel pass għal konverġenza ta' regolamenti nazzjonali dwar il-proċedura ċivili, li tistabbilixxi bilanċ bejn id-drittijiet fundamentali tal-partijiet fil-kawża fl-interess tal-fiduċja reċiproka sħiħa bejn is-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri;

O. billi l-eżistenza ta' garanziji proċedurali favur l-effiċjenza u l-effikaċja ta' proċedimenti ċivili u t-trattament ugwali tal-partijiet hija mixtieqa sabiex tiġi żgurata fiduċja reċiproka;

---

paġna 2 iktar' il fuq) u r-regolament dwar l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet (ir-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 59)).
[1] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/48/KE tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45).
[2] ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5 għal Premessa F hawn fuq.
[3] ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6 għal Premessa F hawn fuq.

P. billi t-twaqqif ta' tali sistema ta' standards minimi komuni tistabbilixxi wkoll livell minimu ta' kwalità ta' proċedimenti ċivili madwar l-Unjoni, u b'hekk tikkontribwixxi mhux biss għat-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka bejn il-ġudikaturi, iżda wkoll għal funzjonament aħjar tas-suq intern, peress li huwa stmat li d-differenzi proċedurali bejn l-Istati Membri jistgħu jikkawżaw xkiel għall-kummerċ jew jiskoraġġixxu lin-negozji u lill-konsumaturi milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tas-suq intern;

*Kunsiderazzjonijiet oħra*

Q. Billi l-approssimazzjoni ta' reġimi proċedurali fl-Unjoni hija meħtieġa; billi d-Direttiva proposta hija maħsuba li tkun l-ewwel pass fil-proċess ta' armonizzazzjoni ulterjuri u l-konverġenza tas-sistemi tal-Ġustizzja Ċivili tal-Istati Membri u tal-ħolqien ta' Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tal-Unjoni fuq perjodu ta' żmien twil;

R. billi id-Direttiva proposta ma taffetwax la l-organizzazzjoni ġudizzjarja tal-Istati Membri u lanqas il-karatteristiċi prinċipali tal-mod kif jitwettqu l-kawżi ċivili;

S. billi huwa għaldaqstant tal-akbar importanza li tiġi adottata leġiżlazzjoni li tipprovdi għall-adozzjoni ta' standards minimi komuni ta' proċeduri ċivili fl-Unjoni;

* * *

*Il-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE dwar l-awtonomija proċedurali nazzjonali u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva*

1. Jinnota r-rwol ċentrali tal-Qorti tal-Ġustizzja li tistabbilixxi s-sisien tal-proċedura ċivili tal-Unjoni, wara li sawret x'wieħed jifhem bil-proċedura ċivili fis-sistema legali tal-Unjoni;

2. Jenfasizza, madankollu, li filwaqt li xi standards proċedurali li llum huma aċċettati bħala parti mis-sistema proċedurali tal-Unjoni taħt ġew aċċertati fil-ġurisprudenza tal-QtĠ-UE, il-kontribuzzjoni tal-QtĠ-UE għandha, fl-aħħar mill-aħħar, tiġi kkunsidrata bħala interpretazzjoni standard minflok li tistabbilixxi l-istandards;

3. Jenfasizza għalhekk li l-esperjenza vasta tal-QtĠ-UE fir-reviżjoni ta' regoli ta' rimedju u proċedurali kif ukoll il-kompromessi u l-valuri li jikkompetu li l-QtĠ-UE ssegwi huma istruttiva ħafna u għandhom jitqiesu għall-finijiet tal-introduzzjoni ta' strument komprensiv orizzontali ta' natura leġiżlattiva li jinkludi standards komuni ta' proċeduri ċivili;

*Il-Karta*

4. Jenfasizza li f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċess ġust u l-aċċess għall-ġustizzja, netwerks ta' kollaborazzjoni u databases li jsaħħu l-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-iskambju ta' informazzjoni għandhom jinżammu u jiġu żviluppati iktar;

5. Jilqa' għalhekk b'sodisfazzjon l-iżvilupp fil-ġustizzja elettronika, u l-aktar il-ħolqien tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew u tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja elettronika, li għandha ssir punt ċentrali (one-stop-shop) fil-qasam tal-ġustizzja fl-Unjoni;

*L-acquis tal-Unjoni fil-kooperazzjoni fil-ġustizzja ċivili*

6. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tivvaluta jekk huwiex meħtieġ li jiġu proposti aktar miżuri biex jiġi kkonsolidat u msaħħaħ approċċ orizzontali tal-infurzar privat tad-drittijiet mogħtija mid-dritt tal-Unjoni u jekk l-istandards minimi Ewropej għall-proċedura ċivili proposti hawnhekk jistgħux jitqiesu li jippromwovu u jiżguraw tali mudell orizzontali;

7. Itenni li l-ġbir sistematiku ta' data statistika dwar l-applikazzjoni u l-prestazzjoni ta' strumenti eżistenti tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-ġustizzja ċivili huwa ta' importanza kbira;

8. Jistieden f'dan il-kuntest lill-Kummissjoni biex tivvaluta jekk miżuri addizzjonali ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu għall-applikazzjoni effettiva ta' proċeduri awtonomi tal-Unjoni u jsostni li proċess robust u sistematiku ta' sorveljanza min-naħa tal-Kummissjoni għandha tiġi stabbilita għal dak l-iskop;

*Il-bażi legali tal-proposta*

9. Josserva li l-Artikolu 114 tat-TFUE ġie użat biex jiġu adottati għadd ta' atti tal-Unjoni b'implikazzjonijiet proċedurali; jinnota, madankollu, li l-Artikolu 81 tat-TFUE jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri fil-qasam ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transkonfinali, inklużi miżuri għall-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istat Membru, b'mod partikolari meta jkunu meħtieġa għat-tħaddim xieraq tas-suq intern; iqis, għalhekk, li l-Artikolu 81 tat-TFUE jikkostitwixxi l-bażi legali adatta għall-istrument leġiżlattiv propost;

10. Isostni li l-kunċett ta' "*implikazzjonijiet* transkonfinali" fit-test tal-Artikolu 81(2) tat-TFUE dwar l-adozzjoni ta' miżuri ta' kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili għandhom jiġu interpretati b'mod iktar wiesa' u għalhekk m'għandux jitqies bħala sinonimu ma' "tilwim transkonfinali";

11. Jenfasizza li l-interpretazzjoni attwali tal-kunċett tal-"materji b'implikazzjonijiet transkonfinali" hija kemxejn ristretta u tirriżulta fil-ħolqien ta' żewġ settijiet ta' regoli u żewġ kategoriji ta' partijiet fit-tilwima li jistgħu jwasslu għal aktar problemi u kumplikazzjonijiet bla bżonn; jenfasizza għalhekk li għandha tiġi adottata interpretazzjoni usa';

12. Jenfasizza f'dan il-kuntest li l-istandards minimi komuni ta' proċedura ċivili li qed jiġu proposti jwasslu għal effiċjenzi ulterjuri jekk l-Istati Membri jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom mhux biss għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, iżda b'mod ġenerali kemm għal każijiet transkonfinali kif ukoll għal dawk purament interni;

*Fiduċja Reċiproka fl-Ispazju Ġudizzjarju Ewropew*

13. Jinnota li l-attivitajiet ewlenin tal-Unjoni fl-Ispazju Ewropew ta' Ġustizzja, fejn tikkonċerna l-ġustizzja ċivili, huma relatati mal-introduzzjoni ta' strumenti dwar il-ġurisdizzjoni, il-pendenza u l-infurzar ta' sentenzi transkonfinali;

14. Jenfasizza li ċ-ċirkulazzjoni ħielsa ta' sentenzi żiedet il-fiduċja reċiproka bejn il-ġudikaturi nazzjonali;

15. Jenfasizza f'dan ir-rigward li l-fiduċja reċiproka hija kunċett kumpless, u li ħafna fatturi jaqdu rwol fil-bini ta' dik il-fiduċja, bħall-edukazzjoni ġudizzjarja, il-kooperazzjoni ġudizzjarja transkonfinali u l-iskambju ta' esperjenzi u tal-aħjar prattiki bejn l-imħallfin;

16. Għalhekk jilqa' b'sodisfazzjon id-disa' prinċipji tat-taħriġ ġudizzjarju tal-EJTN adottati fl-Assemblea Ġenerali tiegħu tal-2016, peress li jipprovdu pedament komuni u qafas għall-ġudikatura Ewropea kif ukoll għall-istituzzjonijiet ta' taħriġ ġudizzjarju;

17. Isostni, madankollu, li mil-lat strettament legali, il-fiduċja reċiproka tippresupponi, fuq livell fundamentali, li l-ġudikaturi nazzjonali fl-Unjoni iħarsu lejn l-arranġamenti proċedurali ta' xulxin – kemm fuq il-livell ta' liġi teoretika kif ukoll tal-liġi fil-prattika – li jiggarantixxu proċedimenti ċivili ġusti;

18. Jirrimarka, għalhekk, li l-elaborazzjoni ta' standards minimi sistematiċi ta' proċedura ċivili tal-Unjoni fil-forma ta' direttiva orizzontali trasversali, twassal biex tiżdied il-fiduċja reċiproka fost il-ġudikaturi tal-Unjoni u tiżgura bbilanċjar komuni għall-Unjoni kollha tad-drittijiet proċedurali fundamentali għal kawżi ċivili;

*Standards minimi komuni ta' proċedura ċivili*

19. Jenfasizza li s-sistemi effikaċi ta' proċedura ċivili jiżvolġu rwol kruċjali fid-difiża tal-istat tad-dritt u tal-valuri fundamentali tal-Unjoni. Huma wkoll prerekwiżit għal investiment sostenibbli u ambjent li jiffavorixxi n-negozju u l-konsumatur;

20. Iqis li hemm ħtieġa ċara għal leġiżlazzjoni li tipprovdi sett ta' standards proċedurali applikabbli għal proċedimenti ċivili u jistieden lill-Kummissjoni biex tipproċedi bil-konsenja tal-pjan ta' azzjoni tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma;

21. Skont l-Artikolu 225 tat-TFUE, jitlob għaldaqstant lill-Kummissjoni biex tressaq, sat-30 ta' Ġunju 2018, abbażi tal-Artikolu 81(2) tat-TFUE, proposta għal att leġiżlattiv dwar standards minimi komuni ta' proċedura ċivili, b'segwitu għar-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Anness mehmuż;

22. Jikkonferma li r-rakkomandazzjonijiet annessi ma' din il-mozzjoni għal riżoluzzjoni jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

23. Iqis li l-proposta mitluba m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja, peress li l-introduzzjoni ta' standards minimi dwar il-proċedura ċivili se twassal għal ekonomiji ta' skala f'termini ta' spejjeż imnaqqsa għal partijiet fit-tilwima u r-rappreżentanti tagħhom li ma jkollhomx għalfejn jiffamiljarizzaw ruħhom ma' sistema ta' proċedura ċivili ta' pajjiż differenti;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-annessi lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-Parlamenti u lill-Gvernijiet tal-Istati Membri.

## ANNESS GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL DWAR STANDARDS MINIMI KOMUNI TA' PROĊEDURA ĊIVILI FL-UE

### A. PRINĊIPJI U OBJETTIVI TAL-PROPOSTA MITLUBA

1. Fl-Unjoni, l-infurzar tal-liġi quddiem il-qrati jibqa' fil-biċċa l-kbira kwistjoni li taqa' taħt ir-regoli proċedurali u prattika nazzjonali. Il-qrati nazzjonali huma wkoll qrati tal-Unjoni. Għalhekk il-proċeduri mressqa quddiemhom jridu jiżguraw l-korrettezza, il-ġustizzja u l-effiċjenza kif ukoll l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni.

2. L-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji ċivili żiedet il-fiduċja tal-Istati Membri fis-sistemi tal-ġustizzja ċivili ta' xulxin. Il-livell ta' fiduċja reċiproku jiddipendi ħafna fuq numru ta' parametri, li jinkludu mekkaniżmi għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-konvenut filwaqt li jiggarantixxu l-aċċess għall-qrati u l-ġustizzja.

3. Minkejja li l-Istati Membri huma parti għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), l-esperjenza wriet li dik weħidha mhux dejjem tipprovdi livell suffiċjenti ta' fiduċja fis-sistemi tal-ġustizzja ċivili ta' Stati Membri oħra. Ir-regoli ta' proċedura ċivili nazzjonali tal-Istati Membri jvarjaw b'mod konsiderevoli, ħafna drabi f'termini ta' xi wħud mill-prinċipji u l-garanziji proċedurali fundamentali, u b'hekk jipperikolaw li tista' tintilef il-fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji.

4. Huwa għaldaqstant meħtieġ, sabiex jiġu mħarsa d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni, li tiġi adottata direttiva l-tiżviluppa ulterjorment l-istandards minimi stipulati fil-Karta u fil-KEDB. Il-bażi ġuridika xierqa għal tali proposta hija l-Artikolu 81(2) tat-TFUE, li jikkonċerna miżuri fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-ġustizzja ċivili. Id-Direttiva għandha tiġi adottata permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

5. Standards minimi komuni ta' proċeduri ċivili huma meqjusa neċessarji biex jiffurmaw bażi soda għall-approssimazzjoni u t-titjib tal-liġijiet nazzjonali, minħabba l-flessibbiltà li huma jagħtu lill-Istati Membri fit-tħejjija ta' liġijiet ġodda ta' proċedura ċivili filwaqt li jirriflettu kunsens ġenerali dwar il-prinċipji tal-prattika ta' ġustizzja ċivili.

6. L-istandards minimi komuni għandhom iwasslu għal żieda fil-fiduċja fis-sistemi tal-ġustizzja ċivili tal-Istati Membri kollha li bħala riżultat għandu jwassal għal kooperazzjoni ġudizzjarja aktar effiċjenti fi klima ta' fiduċja reċiproka. Regoli minimi komuni bħal dawn għandhom ukoll ineħħu l-ostakoli għall-moviment liberu taċ-ċittadini fit-territorju kollu tal-Istati Membri.

7. Id-Direttiva proposta m'għandhiex l-għan li tissostitwixxi sistemi proċedurali nazzjonali fl-intier tagħhom, iżda filwaqt li tirrispetta l-ispeċifiċitajiet nazzjonali, hija għandha l-għan li tistabbilixxi standards minimi komuni dwar il-funzjoni u t-twettiq ta'

proċeduri ċivili għal kull kwistjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Għandha wkoll l-għan li tipprovdi bażi għal approfondiment gradwali tal-approssimazzjoni ta' sistemi proċedurali ċivili tal-Istati Membri.

8. Il-proposta ma taffettwax id-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-organizzazzjoni tal-qrati tagħhom u r-regoli tagħhom dwar il-ħatra tal-imħallfin.

9. Din il-proposta tikkonforma mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, peress li l-Istati Membri ma jistgħux jaġixxu waħedhom biex jiġi stabbilit sett minimu ta' standards ta' proċedura ċivili, u l-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa assolutament meħtieġ biex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja u fiduċja reċiproka fl-Unjoni.

## B. TEST TAL-PROPOSTA MITLUBA

Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards minimi komuni ta' proċedura ċivili fl-UE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 81(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-talba tal-Parlament Ewropew lill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-Unjoni stabbiliet għaliha nfisha l-objettiv li żżomm u li tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, li fiha jkun assigurat il-moviment liberu tal-persuni. Sabiex tali spazju jiġi stabbilit gradwalment, l-Unjoni għandha tadotta miżuri relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili li għandhom implikazzjonijiet transkonfinali, partikolarment meta meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(2) Skont l-Artikolu 81(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk il-miżuri għandhom ikunu mmirati biex jiżguraw, fost l-oħrajn, ir-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi bejn l-Istati Membri, in-notifika transkonfinali ta' dokumenti, il-kooperazzjoni fit-teħid tal-provi, l-aċċess effettiv għall-ġustizzja u l-eliminazzjoni tal-ostakli għall-funzjonament tajjeb ta' proċeduri ċivili, jekk ikun jeħtieġ billi tiġi promossa l-kompatibbiltà tar-regoli dwar il-proċeduri ċivili applikabbli fl-Istati Membri.

(3) Skont il-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew f'Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, u b'mod partikolari l-punt (33) tagħhom, ir-rikonoxximent reċiproku mtejjeb ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji oħrajn u l-approssimazzjoni meħtieġa tal-leġislazzjoni jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet individwali. Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku għandu għalhekk isir il-bażi fundamentali tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili fl-Unjoni.

(4) Skont il-pjan ta' azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma, iż-żona ġudizzjarja Ewropea u t-tħaddim xieraq tas-suq wieħed huma mibnija fuq il-prinċipju ċentrali tal-għarfien reċiproku, li min-naħa tiegħu huwa bbażat fuq l-idea li l-Istati Membri jafdaw is-sistemi ġudizzjarji ta' xulxin. Dan il-prinċipju jista' jaħdem b'mod effettiv biss fuq il-bażi ta' fiduċja reċiproka fost l-imħallfin, il-professjonisti legali, in-negozjanti u ċ-ċittadini. Il-livell ta' dik il-fiduċja tiddependi fuq għadd ta' fatturi, inkluża l-eżistenza ta' mekkaniżmi sabiex jiġu ssalvagwardati d-drittijiet proċedurali tal-partijiet fi proċedimenti ċivili. Standards minimi komuni li jsaħħu d-dritt għal smigħ xieraq u l-effiċjenza ta' sistemi ġudizzjarji u li jikkontribwixxu għal sistema ta' infurzar effettiva huma għalhekk meħtieġa biex jiggarantixxu l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju.

(5) Billi tistabbilixxi regoli minimi dwar il-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali tal-partijiet fit-tilwima, din id-Direttiva għandha ssaħħaħ il-fiduċja tal-Istati Membri fis-sistemi tal-ġustizzja ċivili tal-Istati Membri l-oħra u b'hekk tista' tgħin fil-promozzjoni ta' kultura ta' drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għal tilwim ċivili li jkollhom implikazzjonijiet transkonfinali, inklużi dawk li jirriżultaw mill-ksur tad-drittijiet u tal-libertajiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni. Fejn din id-Direttiva tirreferi għad-drittijiet ta' vjolazzjoni mogħtija skont id-dritt tal-Unjoni, hija tkopri fejn il-ksur tar-regoli stabbiliti fil-livell tal-Unjoni kkawżaw jew x'aktarx li jikkawżaw preġudizzju lil persuni naturali u ġuridiċi. Xejn ma għandu jwaqqaf lill-Istati Membri milli japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva wkoll għal każijiet ta' ġustizzja ċivili purament interni.

(7) L-Istati Membri kollha huma partijiet kontraenti tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Liberta Fundamentali ta' l-4 ta' Novembru 1950. Il-materji msemmija f'din id-Direttiva għandhom ikunu ttrattati b'konformita ma' dik il-Konvenzjoni u b'mod partikolari d-drittijiet għal proċess ġust u rimedju effettiv.

(8) Din id-Direttiva tfittex li tippromwovi l-applikazzjoni ta' standards minimi komuni għall-proċedura ċivili biex jiġi żgurat l-aċċess effettiv għall-ġustizzja fl-Unjoni. Id-dritt ġeneralment irrikonoxxut ta' aċċess għal ġustizzja huwa wkoll irriaffermat bl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea (Il-Karta).

(9) Il-Proċeduri Ċivili għandhom jittejbu aktar billi jittieħed vantaġġ tal-iżviluppi teknoloġiċi fil-qasam tal-Ġustizzja u ta' għodod ġodda disponibbli għall-qrati u tribunali li jistgħu jgħinu biex tingħeleb id-distanza ġeografika u l-konsegwenzi tagħha f'termini ta' spejjeż għoljin u t-tul tal-proċedimenti. Sabiex jitnaqqsu

ulterjorment l-ispejjeż tal-kawża u t-tul tal-proċeduri, għandu jiġi inkoraġġut ulterjorment l-użu tat-teknoloġija moderna ta' komunikazzjoni mill-partijiet u l-qrati u t-tribunali.

(10) Sabiex persuni jkunu jistgħu jinstemgħu mingħajr ma jinħtiġilhom jivvjaġġaw lejn il-qorti jew it-tribunal, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-seduti orali kif ukoll il-ġbir ta' provi mis-smigħ tax-xhieda, esperti jew partijiet, ikunu jistgħu jitwettqu bl-użu ta' kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod adatti, sakemm minħabba ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, l-użu ta' tali teknoloġija ma jkunx adatt għat-twettiq ġust tal-proċedimenti. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001[1].

(11) Il-qrati tal-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddependu fuq opinjonijiet ta' esperti tekniċi, legali jew kwistjonijiet oħra ta' evidenza. Ħlief fejn ikunu meħtieġa miżuri koersivi u skont il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-imħallfin fi Stat Membru wieħed għandhom ikun jistgħu jaħtru esperti sabiex imexxu investigazzjoni fi Stat Membru ieħor mingħajr ma tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel għall-aġir tagħhom. Sabiex jiffaċilitaw il-kompetenza ġudizzjarja u b'kunsiderazzjoni tal-limitazzjonijiet fil-ħatra ta' esperti kwalifikati biżżejjed fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru wieħed, pereżempju minħabba s-sofistikazzjoni teknika tal-kawża jew l-eżistenza ta' rabtiet diretti jew indiretti bejn l-espert u l-partijiet, għandu jiġi kkreat direttorju Ewropej tal-listi kollha nazzjonali ta' esperti u jinżamm aġġornat bħala parti tal-portal Ewropew tal-e-justice.

(12) Miżuri proviżorji u protettivi għandhom jilħqu bilanċ xieraq bejn l-interessi tar-rikorrent biex jingħata protezzjoni provviżorja u l-interessi tal-konvenut biex jiġi pprevenut l-abbuż ta' tali protezzjoni. Meta miżuri provviżorji jiġu mitluba qabel ma tikseb sentenza, il-qorti li quddiema jitressaq ir-rikors għandha tkun sodisfatta abbażi tal-evidenza mressqa mir-rikorrent li huwa jew hija x'aktarx ser jingħata raġun dwar il-mertu tat-talba kontra l-konvenut. Barra minn hekk, ir-rikorrent għandu jkun meħtieġ f'kull sitwazzjoni li juri b'mod li jissodisfa lill-qorti li t-talba tiegħu għandha l-ħtieġa urġenti ta' protezzjoni ġudizzjarja u li, mingħajr il-miżuri provviżorji, l-eżekuzzjoni tas-sentenza eżistenti jew futura tista' tiġi ostakolata jew issir sostanzjalment aktar diffiċli.

(13) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet partikolari dwar l-infurzar tad-drittijiet fil-qasam tal-proprjetà intellettwali stipulati fi strumenti tal-Unjoni u b'mod partikolari dawk li jinsabu fid-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Din għandha wkoll tkun mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet partikolari għall-irkupru tad-dejn transkonfinali kif stabbilit fl-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet.[3]

---

[1] Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (ĠU L 174, 27,6.2001, p. 1).

[2] Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/48/KE tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45).

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi proċedura għal Ordni Ewropea tal-preservazzjoni tal-

(14) Għandu jingħata rwol ewlieni lill-qrati biex iħarsu d-drittijiet u l-interessi tal-partijiet kollha u fil-ġestjoni tal-proċeduri ċivili b'mod effettiv u effiċjenti.

(15) L-objettiv li jiġi żgurat aċċess aħjar għall-ġustizzja u għall-fiduċja reċiproka, bħala parti mill-politika tal-Unjoni Ewropea li tistabbilixxi żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, għandu jinkludi l-aċċess kemm għal metodi ġudizzjarji kif ukoll għal metodi extra-ġudizzjarji ta' riżoluzzjoni ta' tilwim. Sabiex il-partijiet ikunu mħeġġa jużaw il-medjazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli tagħhom dwar il-perijodu ta' limitazzjoni u preskrizzjoni ma jimpedixxux lill-partijiet milli jirrikorru għall-qorti jew għall-arbitraġġ jekk it-tentattiv tagħhom ta' medjazzjoni ifalli.

(16) Minħabba d-differenzi bejn ir-regoli tal-proċedura ċivili tal-Istati Membri u speċjalment dawk li jiregolaw in-notifika tad-dokumenti, huwa meħtieġ li jiġu definiti l-istandards minimi li għandhom japplikaw għal proċedimenti ċivili li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, metodi ta' notifika li jiżguraw li d-dokumenti jiġu notifikati b'ħeffa u b'mod sikur, ikkonfermati minn prova tal-kunsinna, għandhom jingħataw prijorità. It-teknoloġiji moderni ta' komunikazzjoni għandhom għalhekk jintużaw b'mod estensiv. Għal dokumenti li jridu jiġu nnotifikati lill-partijiet, in-notifika elettronika għandha tkun fuq l-istess livell tan-notifika bil-posta. Il-mezzi elettroniċi disponibbli għandhom jiżguraw li l-kontenut tad-dokumenti u ta' komunikazzjonijiet oħra bil-miktub riċevuti huwa veru u jikkorrispondi ġenwinament għal dak tad-dokumenti u komunikazzjonijiet bil-miktub oħra mibgħuta, u li l-metodu użat għall-konferma tar-riċevuta jipprovdi l-konferma tar-riċevuta mid-destinatarju u tad-data tar-riċevuta.

(17) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet għal proċedimenti ċivili jkollhom id-dritt għal avukat tal-għażla tagħhom. F'tilwim transkonfinali, il-partijiet għandhom ikollhom id-dritt għal avukat fl-Istat ta' Oriġini għal parir preliminari u għal ieħor fl-Istat Ospitanti sabiex jieħu ħsieb il-kawża. Il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni bejn il-partijiet u l-avukat tagħhom hija essenzjali biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-dritt għal proċess ġust. Għaldaqstant, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-laqgħat u ta' forom oħra ta' komunikazzjoni bejn l-avukat u l-partijiet fl-eżerċizzju tad-dritt għal avukat previst f'din id-Direttiva. Kull parti f'kawża għandhom ikunu jistgħu jirrinunzjaw għad-dritt mogħti skont din id-Direttiva, dment li jkunu ngħataw informazzjoni dwar il-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja ta' dak id-dritt.

(18) Il-ħlas ta' tariffi tal-qorti m'għandux jeħtieġ lil min jagħmel it-talba biex jivvjaġġa lejn l-Istat Membru tal-qorti jew tribunal aditi jew biex iqabbad avukat għal dik il-għan. Sabiex jiġi żgurat l-aċċess effettiv tar-rikorrenti għall-proċeduri, l-Istati Membri għandhom bħala minimu joffru mill-inqas wieħed mill-metodi ta' ħlas mill-bogħod previsti f'din id-Direttiva. L-informazzjoni dwar it-tariffi tal-qorti u l-metodi ta' ħlas, kif ukoll dwar l-awtoritajiet jew l-organizzazzjonijiet kompetenti biex jagħtu għajnuna prattika fl-Istati Membri għandha tkun trasparenti u faċilment aċċessibbli fuq l-Internet permezz ta' siti web nazzjonali xierqa.

---

Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transkonfinali tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 59).

(19) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi rrispettat id-dritt fundamentali għall-għajnuna legali kif previst fl-Artikolu 47(3) tal-Karta. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi kollha involuti f'tilwim ċivili fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, kemm jekk jaġixxu bħala rikorrenti jew konvenuti, għandhom ikunu jistgħu jasserixxu d-drittijiet tagħhom fil-qrati wkoll anki jekk is-sitwazzjoni finanzjarja personali tagħhom tagħmilha impossibbli għalihom li jħallsu l-ispejjeż tal-proċeduri. L-għajnuna legali għandha tkopri parir qabel il-litigazzjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim qabel jinbdew proċedimenti ġudizzjarji, assistenza legali biex jinġieb każ quddiem qorti u rappreżentanza fil-qorti u assistenza fl-ispiża tal-proċeduri. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-Direttiva tal-Kunsill 2002/8/KE[1].

(20) Il-ħolqien ta' kultura ġudizzjarja Ewropea li tirrispetta bis-sħiħ is-sussidjarjetà u l-indipendenza ġudizzjarja huwa ċentrali biex ikollna spazju ġudizzjarju Ewropew li jaħdem b'mod effiċjenti. It-taħriġ ġudizzjarju huwa element kruċjali ta' dan il-proċess, minħabba li jsaħħaħ il-fiduċja f'xulxin bejn l-Istati Membri, dawk li jħaddmu s-sistema ġuridika u ċ-ċittadini.

(21) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi. L-Istati Membri jistgħu jestendu d-drittijiet stabbiliti f'din id-Direttiva bil-għan li jipprovdu livell ogħla ta' protezzjoni. Tali livell ogħla ta' protezzjoni ma għandux jikkostitwixxi ostakolu għall-fiduċja reċiproka u aċċess effettiv għall-ġustizzja li dawk ir-regoli minimi huma mfassla biex jiffaċilitaw. Il-livell ta' protezzjoni pprovdut mill-Karta, kif interpretat mill-Qorti, kif ukoll is-supremazija, l-unità u l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni għandhom għalhekk ma jiġux kompromessi.

(22) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu stabbiliti standards minimi komuni ta' proċedura ċivili, ma jistgħux jinkisbu suffiċjentement mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex dawk l-għanijiet jintlaħqu.

(23) F'konformità mal-[Artikolu 3]/[Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, [dawk l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva]/[u bla ħsara għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, dawk l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva u mhumiex marbuta biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha.]

---

1 Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn (ĠU L 26, 31.1.2003, p. 41).

(24) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Direttiva, u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## KAPITOLU I:

## SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

*Artikolu 1*

**Suġġett**

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tqarreb is-sistemi proċedurali sabiex tiżgura rispett sħiħ għad-dritt għal proċess ġust kif rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta, billi jiġu stabbiliti standards minimi li jikkonċernaw il-bidu, it-tmexxija u l-konklużjoni ta' proċeduri ċivili quddiem il-qrati jew tribunali tal-Istati Membri.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-istandards tal-proċedura ċivili li jkunu jew jistgħu jkunu pprovduti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew f'dik nazzjonali, sa fejn dawk l-istandards jistgħu jkunu aktar favorevoli għall-partijiet fil-kawża, din id-Direttiva għandha tapplika, f'tilwim li għandhom implikazzjonijiet transkonfinali, għal kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, tkun xi tkun in-natura tal-qorti jew tribunal, ħlief fir-rigward ta' tali drittijiet u obbligi li mhumiex għad-dispożizzjoni tal-partijiet taħt id-dritt applikabbli rilevanti. M'għandux jestendi, b'mod partikolari, għal kwistjonijiet ta' introjtu, dwana jew għal materji amministrattivi jew għar-responsabbiltà tal-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat ("acta jure imperii").

2. F'din id-Direttiva, it-terminu "Stat Membru" għandu jfisser l-Istati Membri ħlief [ir-Renju Unit, l-Irlanda u] d-Danimarka.

*Artikolu 3*

**Tilwim li għandhom implikazzjonijiet transkonfinali**

1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, tilwima li jkollha implikazzjonijiet transkonfinali hija waħda li fiha:
   (a) mill-inqas waħda mill-partijiet hija domiċiljata jew abitwalment residenti fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru tal-qorti jew tat-tribunal li quddiema titressaq il-kawża; jew
   (b) iż-żewġ partijiet ikunu domiċiljati fl-istess Stat Membru bħal dak tal-qorti jew tat-tribunal li quddiemu titressaq il-kawża, dment li l-post tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, il-post fejn iseħħ l-avveniment dannuż jew il-post ta' infurzar tas-sentenza ikun jinsab fi Stat Membru ieħor; jew
   (c) iż-żewġ partijiet ikunu domiċiljati fl-istess Stat Membru bħal dak tal-qorti jew tat-tribunal li quddiemu titressaq il-kawża, sakemm il-kwistjoni disputata taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, id-domiċilju għandu jiġi stabbilit skont l-Artikoli 62 u 63 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1].

## KAPITOLU II:

## STANDARDS MINIMI GĦAL PROĊEDURI ĊIVILI

### L-Ewwel Taqsima: Riżultati ġusti u effikaċi

*Artikolu 4*

**Obbligu ġenerali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-miżuri, proċeduri u għal rimedji meħtieġa sabiex ikun żgurat l-infurzar tad-drittijiet mogħtija mid-dritt ċivili tal-Unjoni. Dawn il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji għandhom ikunu ġusti u ekwi u m'għandhomx ikunu kkomplikati jew għaljin bla bżonn, jew jinvolvu limiti ta' żmien irraġonevoli jew dewmien mhux ġustifikat.

   Dawk il-miżuri, proċeduri u rimedji għandhom ikunu wkoll effetttivi u proporzjonati u għandhom ikunu applikati b'mod u manjiera li jevitaw il-ħolqien ta' ostakli għal aċċess effettiv għall-ġustizzja u biex jipprovdu protezzjonijiet kontra l-abbuż tagħhom.

*Artikolu 5*

**Seduti orali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-seduti orali jseħħu bl-użu ta' kwalunkwe teknoloġija tal-komunikazzjoni mill-bogħod adatta, bħal vidjokonferenza jew telekonferenza, disponibbli għall-qorti jew it-tribunal, sakemm l-użu ta' tali teknoloġija, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, ma jkunx adatt għat-tmexxija ġusta tal-proċedimenti.
2. Meta l-persuna li għandha tinstema' tkun domiċiljata jew abitwalment residenti fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru tal-qorti jew it-tribunal aditi, l-attendenza ta' dik il-persuna f'seduta orali għandha ssir permezz ta' vidjokonferenza, telekonferenza jew teknoloġija ta' komunikazzjoni mill-bogħod adatta oħra bl-użu tal-proċeduri previsti fir-Regolament (KE) Nru 1206/2001. Fir-rigward tal-vidjokonferenzjar, għandu jittieħed kont tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-vidjokonferenzjar transkonfinali adottati mill-Kunsill fil-15 u s-16 ta' Ġunju 2015[2] u tal-ħidma mwettqa fil-qafas tal-Portal tal-

---

[1] Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

[2] Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill 2015/C 250/01 "Promozzjoni tal-użu u l-iskambju tal-aħjar prattiki tal-vidjokonferenzi transkonfinali fil-qasam tal-ġustizzja fl-Istati Membri u fil-livell tal-UE" (ĠU C 250, 31.7.2015, p. 1).

Ġustizzja Elettronika Ewropea.

*Artikolu 6*

**Miżuri Proviżorji u Protettivi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li miżuri provviżorji għall-preservazzjoni ta' sitwazzjoni fattwali jew legali jkunu fis-seħħ sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa ta' sentenza sussegwenti dwar il-merti tal-kwistjoni qabel ma jinfetħu l-proċedimenti dwar il-merti tal-kwistjoni u fi kwalunkwe fażi matul tali proċedimenti.

   Dawn il-miżuri għandhom jinkludu wkoll miżuri għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe ksur imminenti jew għat-terminazzjoni immedjata ta' ksur allegat kif ukoll għall-preservazzjoni ta' assi meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-eżekuzzjoni sussegwenti ta' rikjesta ma tkunx impedita jew tkun sostanzjalment aktar diffiċli.

2. Tali miżuri għandhom jirrispettaw id-drittijiet tad-difiża u għandhom ikunu proporzjonati għall-karatteristiċi u l-gravità tal-ksur allegat, u jippermettu, fejn ikun xieraq, l-għoti ta' garanziji għall-ispejjeż u l-ħsara kkawżati lill-konvenut minn talbiet mhux ġustifikati. Il-qrati jew it-tribunali għandhom ikollhom l-awtorità li jitolbu lir-rikorrent jipprovdi kwalunkwe evidenza disponibbli b'mod raġonevoli sabiex jaċċertaw ruħhom b'biżżejjed ċertezza li l-miżura provviżorja mitluba hija meħtieġa u proporzjonata.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'każijiet debitament ġustifikati, il-miżuri provviżorji jistgħu jittieħdu mingħajr ma jinstema l-konvenut, fejn kwalunkwe dewmien jista' jikkawża danni irreparabbli għar-rikorrenti, jew fejn hemm riskju dimostrabbli li l-provi jistgħu jinqerdu. F'tali każ, il-partijiet ikunu infurmati mingħar dewmien żejjed mhux aktar tard minn wara l-eżekuzzjoni tal-miżuri.

   Rieżami, li tinkludi d-dritt tas-smigħ, għandha ssir fuq talba tad-difiża bl-għan li ssir deċiżjoni, fi żmien raġjonevoli wara n-notifikazzjoni tal-miżuri, liema miżuri jkunux modifikati, revokati jew konfermati jew le.

   Meta dawn il-miżuri huma revokati jew fejn sussegwentement jinstab li ma kien hemm l-ebda ksur jew theddid ta' ksur, il-Qorti tista' tordna lir-rikorrent, fuq talba tal-konvenut, sabiex jipprovdi lill-konvenut b'kumpens xieraq għad-danni kollha mġarrba b'riżultat ta' dawk il-miżuri.

4. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/48/KE u r-Regolament (UE) Nru 655/2014.

## It-Tieni Taqsima:
## Effiċjenza tal-proċedimenti

*Artikolu 7*

**Effiċjenza proċedurali**

1. Il-qrati u t-tribunali tal-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt għal smigħ ġust u l-prinċipju ta' proċess kontenzjuż, b'mod partikolari meta jiddeċiedu dwar il-ħtieġa ta' seduta u dwar il-mezzi tal-prova u l-limiti xierqa għat-teħid tal-prova.

2. Il-qrati jew it-tribunali tal-Istati Membri għandhom jaġixxu malajr kemm jista' jkun, irrispettivament mill-eżistenza ta' perjodi ta' preskrizzjoni għal azzjonijiet speċifiċi fil-fażijiet differenti tal-proċedura.

*Artikolu 8*

**Deċiżjonijiet motivati**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Qrati jipprovdu deċiżjonijiet motivati biżżejjed fi żmien raġonevoli biex jippermettu lill-partijiet jagħmlu użu effettiv ta' kwalunkwe dritt ta' rieżami tad-deċiżjoni jew li jitressaq appell.

*Artikolu 9*

**Prinċipji ġenerali għad-direzzjoni tal-proċedimenti**

1. Il-qrati tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati jiġġestixxu b'mod attiv il-kawżi quddiemhom sabiex jiżguraw il-konklużjoni ta' tilwim b'approċċ ġust, effiċjenti u b'veloċità raġonevoli, mingħajr ma tixekkel il-libertà tal-partijiet li jiddeterminaw is-suġġett u l-provi li jsostnu l-każ tagħhom.

2. Sa fejn hu raġonevolment prattikabbli, il-qorti għandha tamministra l-kawża f'konsultazzjoni mal-partijiet. B'mod partikolari, ġestjoni attiva tal-kawżi tista' tinkludi:
   (a) li l-partijiet jiġu nkoraġġuti jikkooperaw ma' xulxin matul il-proċedimenti;
   (b) l-identifikazzjoni tal-kwistjonijiet fi stadju bikri;
   (c) li jiġi deċiż minnufih liema kwistjonijiet jeħtieġu investigazzjoni sħiħa u li kwistjonijiet oħra jiġu solvuti b'mod sommarju;
   (d) deċiżjoni dwar l-ordni li fiha l-kwistjonijiet għandhom jiġu solvuti;
   (e) għajnuna lill-partijiet biex isolvu l-azzjoni kollha jew parti minnha;
   (f) l-iffissar ta' skedi ta' żmien biex jiġi kkontrollat il-progress tal-azzjoni;
   (g) li jiġi trattat l-ikbar għadd ta' aspetti tal-azzjoni li tista' tlaħħaq magħhom il-Qorti fl-istess okkażjoni;
   (h) li tiġi trattata l-azzjoni mingħajr mal-partijiet ma jkunu meħtieġa jattendu personalment;
   (i) li jsir użu minn mezzi tekniċi disponibbli.

*Artikolu 10*

**Ġbir ta' provi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li mezzi effettivi għall-preżentazzjoni, kisba u preżervazzjoni tal-provi huma disponibbli b'kunsiderazzjoni għad-drittijiet tad-difiża u l-ħtieġa għall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali.

2. Fil-kuntest tal-kumpilazzjoni ta' provi, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu tat-teknoloġija ta' komunikazzjoni moderna. Il-qorti jew it-tribunal li jkunu qed jitrattaw il-kawża għandhom jagħżlu l-metodu ta' ġbir ta' provi li jkun l-aktar sempliċi u l-inqas oneruż.

*Artikolu 11*

**Esperti tal-Qorti**

1. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-partijiet li jipproduċu provi tal-esperti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qorti tista' fi kwalunkwe ħin taħtar esperti tal-qorti sabiex jipprovdu kompetenza esperta għal aspetti speċifiċi tal-kawża. Il-qorti għandha tipprovdi tali esperti bl-informazzjoni kollha meħtieġa għall-għoti tal-parir espert.

2. F'tilwimiet transkonfinali, ħlief meta jkunu meħtieġa miżuri ta' koerċizzjoni jew meta titwettaq investigazzjoni f'postijiet konnessi mal-eżerċitar ta' setgħat ta' Stat Membru jew f'postijiet fejn, skont il-liġi tal-Istat Membru fejn qed issir l-investigazzjoni, fihom l-aċċess jew azzjoni oħra jkunu pprojbiti jew limitati għal ċerti persuni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qorti tista' taħtar espert ġudizzjarju biex iwettaq l-investigazzjonijiet barra l-ġurisdizzjoni tal-qorti mingħajr ma tkun meħtieġa s-sottomissjoni ta' xi talba biex isir dan lill-awtorità rilevanti tal-Istat Membru l-ieħor.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha tħejji direttorju Ewropew ta' esperti billi tlaqqa' flimkien il-listi nazzjonali eżistenti tal-esperti u dan għandu jkun disponibbli permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

4. L-esperti tal-qorti għandhom jiggarantixxu l-indipendenza u l-imparzjalità f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-imħallfin previsti fl-Artikolu 22.

5. Il-parir espert mogħti lill-qorti mill-esperti tal-qorti għandu jkun disponibbli għall-partijiet li għandu jkollhom il-possibilità li jikkummentaw dwaru.

**It-Tielet Taqsima:**
**Aċċess għall-qrati u l-ġustizzja**

*Artikolu 12*

**Soluzzjoni tat-tilwimiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fi kwalunkwe stadju tal-proċedimenti u b'kont meħud taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża, jekk il-qorti tkun tal-fehma li t-tilwima hija adattata għal soluzzjoni, din tista' tipproponi li l-partijiet jużaw il-medjazzjoni sabiex isolvu jew jesploraw soluzzjoni tat-tilwima.

2. Dan ma għandux ikollu l-effett li jċaħħad lill-partijiet li jagħżlu l-medjazzjoni milli jibdew proċedimenti jew arbitraġġ ġudizzjarji fir-rigward ta' dik it-tilwima sal-iskadenza tal-perijodi ta' limitazzjoni jew ta' preskrizzjoni matul il-proċess ta' medjazzjoni.

*Artikolu 13*

**Spejjeż tal-litigazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tariffi tal-qorti mitluba fl-Istati Membri għal kawżi ċivili ma jkunux sproporzjonati meta mqabbla mal-valur tat-talba u ma jagħmlux il-litigazzjoni impossibbli jew eċċessivament diffiċli.
2. Il-partijiet għandhom ikunu jistgħu jħallsu l-miżati tal-qorti permezz ta' metodi ta' ħlas mill-bogħod, inkluż minn Stat Membru li mhuwiex l-Istati Membru fejn ikunu jinsabu l-qorti jew it-tribunal, permezz ta' trasferiment bankarju jew permezz ta' karta ta' kreditu jew ta' debitu.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar it-tariffi tal-qorti u l-metodi ta' ħlas, kif ukoll dwar l-awtoritajiet jew l-organizzazzjonijiet kompetenti biex jagħtu għajnuna prattika fl-Istati Membri ssir aktar trasparenti u faċilment disponibbli fl-internet. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni, li min-naħa tagħha għandha tiżgura li din tkun disponibbli għall-pubbliku u mxerrda fuq firxa wiesgħa permezz ta' kwalunkwe mezz adatt, b'mod partikolari permezz tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika.

*Artikolu 14*

**Prinċipju ta' "min jitlef iħallas"**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parti telliefa ġġarrab l-ispejjeż tal-proċeduri, inkluża, iżda mhux limitata għal, kwalunkwe spiża li tirriżulta mill-fatt li l-parti l-oħra tkun ġiet irrappreżentata minn avukat jew professjonist legali ieħor, jew kwalunkwe spiża li tirriżulta min-notifika jew mit-traduzzjoni ta' dokumenti, li jkunu proporzjonati għall-valur tal-pretensjoni u li kellhom bilfors jiġġarbu.

2. Meta parti tirbaħ biss f'parti jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-qorti tista' tordna li l-ispejjeż jinqasmu b'mod ekwu jew li l-partijiet iġarrbu l-ispejjeż tagħhom stess.

3. Parti għandha ġġarrab kwalunkwe spiża mhux meħtieġa li hija tkun ikkawżat lill-qorti jew lil parti oħra, jew billi tkun qajmet kwistjonijiet bla bżonn jew inkella billi kienet litiguża b'mod mhux raġonevoli.

4. Il-qorti tista' taġġusta l-aġġudikazzjoni tal-ispejjeż tagħha sabiex dawn jirriflettu in-nuqqas mhux raġonevoli ta' kooperazzjoni jew il-parteċipazzjoni in mala fede f'soluzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 20.

*Artikolu 15*

**Għajnuna legali**

1. Sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati jkunu jistgħu jagħtu għajnuna legali lil parti.

2. L-għajnuna legali tista' tkopri, totalment jew parzjalment, l-ispejjeż li ġejjin:
   (a) it-tariffi tal-qorti;
   (b) l-ispejjeż ta' assistenza u rappreżentanza legali rigward:
      (i) il-parir qabel il-litigazzjoni bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim qabel jinbdew il-proċedimenti legali f'konformità mal-Artikolu 12(1);
      (ii) l-inizjazzjoni u ż-żamma ta' proċedimenti quddiem il-qorti;
      (iii) l-ispejjeż kollha marbuta mal-proċedimenti inkluża l-applikazzjoni għall-għajnuna legali;
      (iv) l-infurzar ta' deċiżjonijiet;
   (c) spejjeż neċessarji oħra relatati mal-proċedimenti li għandhom jiġġarrbu minn parti, inklużi l-ispejjeż ta' xhieda, esperti, interpreti u tradutturi u vvjaġġar, akkomodazzjoni u spejjeż tas-sussistenza meħtieġa ta' dik il-parti u r-rappreżentant tagħha;
   (d) l-ispejjeż mogħtija lill-parti li tirbaħ, fil-każ li r-rikorrent jitlef il-kawża f'konformità mal-Artikolu 14.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe persuna fiżika li tkun ċittadina tal-Unjoni Ewropea jew ta' pajjiż terz li jkollha r-residenza legali tagħha fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea tkun intitolata li tapplika għall-għajnuna legali meta:
   (a) minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tagħha, din ma tkunx tista' tkopri, totalment jew parzjalment, l-ispejjeż imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu; kif ukoll
   (b) il-kawża li għaliha tkun qed issir applikazzjoni għall-għajnuna legali jkollha prospett raġonevoli ta' suċċess, meta wieħed iqis is-sitwazzjoni proċedurali tar-rikorrent; kif ukoll
   (c) ir-rikorrent li japplika għall-għajnuna legali jkun intitolat li jieħu azzjonijiet legali skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti.

4. Il-persuni ġuridiċi għandhom ikunu intitolati li japplikaw għall-għajnuna legali fil-forma ta' eżenzjoni mill-ħlas bil-quddiem tal-ispejjeż tal-proċeduri u/jew l-assistenza ta' avukat. Meta jkunu qed jiddeċiedu dwar jekk jagħtux jew le tali għajnuna, il-qrati jistgħu jikkunsidraw, *inter alia*:
   (a) il-forma tal-persuna ġuridika in kwistjoni u jekk hijiex bi skop ta' profitt jew le;
   (b) il-kapaċità finanzjarja tas-soċji jew tal-azzjonisti;
   (c) il-ħila ta' dawk is-soċji jew azzjonisti li jiksbu l-ammonti neċessarji biex jieħdu azzjoni legali.

5. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2002/8/KE.

*Artikolu 16*

**Finanzjament**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'każijiet fejn l-azzjoni legali tkun iffinanzjata minn parti terza privata, il-parti terza privata m'għandhiex:
    (a) tipprova tinfluwenza d-deċiżjonijiet proċedurali tal-parti rikorrenti, inkluż dwar soluzzjonijiet;
    (b) tipprovdi finanzjament għal azzjoni kontra konvenut li jkun kompetitur ta' min jipprovdi l-fondi jew kontra konvenut li minnu jkun jiddependi min jipprovdi l-fondi;
    (c) titlob interessi eċċessivi fuq il-fondi pprovduti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għal każijiet ta' finanzjament ta' azzjonijiet legali mingħand parti terza, ir-remunerazzjoni mogħtija jew l-interess li jittieħed minn min jipprovdi l-fondi m'għandhomx ikunu bbażati fuq l-ammont tas-soluzzjoni milħuqa jew fuq il-kumpens mogħti, sakemm dak l-arranġament ta' finanzjament ma jkun irregolat minn awtorità pubblika li tiggarantixxi l-interessi tal-partijiet.

## Ir-Raba' Taqsima:
## Proċedimenti ġusti

*Artikolu 17*
**Notifika ta' dokumenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jintużaw metodi li jiggarantixxu, bħala kwistjoni ta' prinċipju, li wieħed jirċievi d-dokumenti nnotifikati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dokumenti li jistitwixxu l-proċedimenti jew dokument ekwivalenti u kwalunkwe ċitazzjoni tal-qorti jkunu jistgħu jiġu nnotifikati f'konformità mal-liġi nazzjonali permezz ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:
    (a) notifika minn persuna;
    (b) notifika postali;
    (c) notifika permezz ta' mezzi elettroniċi, bħal faks jew posta elettronika.

    In-notifika għandha tkun iċċertifikata b'konferma tar-riċevuta, bid-data tar-riċevuta inkluża, li għandha tiġi ffirmata mid-destinatarju.

    Għall-fini ta' notifika b'mezzi elettroniċi skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għandhom jintużaw standards tekniċi għoljin b'mod xieraq li jiggarantixxu l-identità ta' min ikun qed jibgħat u t-trażmissjoni sikuri tad-dokumenti nnotifikati.

    Dawn id-dokumenti jistgħu wkoll jiġu nnotifikati minn persuna permezz ta' dokument iffirmat mill-persuna kompetenti li tkun innotifikat, li jispeċifika li d-destinatarju jkun irċieva d-dokumenti jew ikun irrifjutahom mingħajr ebda ġustifikazzjoni legali, u d-data ta' meta saret in-notifika.

3. Jekk in-notifika f'konformità mal-paragrafu 2 ma tkunx possibbli, u meta l-indirizz tal-konvenut ikun magħruf b'ċertezza, in-notifika tista' ssir permezz ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:
   (a) minn persuna fl-indirizz personali tal-konvenut, lil persuni li joqogħdu fl-istess dar bħall-konvenut jew li jkunu impjegati hemm;
   (b) f'każ ta' konvenut li jaħdem għal rasu jew persuna ġuridika, notifika minn persuna fis-sit kummerċjali tal-konvenut, lil persuni li jkunu impjegati mill-konvenut;
   (c) depożitu tad-dokumenti fil-kaxxa postali tal-konvenut;
   (d) depożitu tad-dokumenti f'uffiċċju tal-posta jew ma' awtoritajiet pubbliċi kompetenti u t-tqegħid ta' notifika bil-miktub ta' dak id-depożitu fil-kaxxa postali tal-konvenut, dment li n-notifika bil-miktub tiddikjara b'mod ċar il-karattru tad-dokumenti bħala dokumenti tal-qorti jew l-effett legali tan-notifika bħala notifika li taffettwa u li tibda tiddekorri ż-żmien għall-finijiet tal-limiti ta' żmien;
   (e) notifika postali mingħajr prova f'konformità mal-paragrafu 4 meta l-indirizz tal-konvenut ikun fl-Istat Membru ta' oriġini;
   (f) mezzi elettroniċi attestati b'konferma awtomatika tar-riċevuta, dment li l-konvenut ikun aċċetta b'mod espress dan il-metodu ta' servizz minn qabel.

   In-notifika f'konformità mal-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkun attestata permezz ta':
   (a) dokument iffirmat mill-persuna kompetenti li tkun innotifikat, li jindika: (i) il-metodu tan-notifika użat; kif ukoll (ii) id-data tan-notifika; kif ukoll (iii) meta d-dokumenti nnotifikati ġew innotifikati lil persuna oħra li ma kenitx il-konvenut, l-isem ta' dik il-persuna u r-relazzjoni tagħha mal-konvenut; jew
   (b) konferma tar-riċevuta mill-persuna nnotifikata, għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

4. Notifika skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu tista' wkoll issir lir-rappreżentant awtorizzat jew legali tal-konvenut.

5. Meta d-dokumenti li jagħtu bidu għall-proċedimenti jew dokument ekwivalenti jew kwalunkwe taħrika jridu jiġu nnotifikati barra mill-Istati Membri, dawn jistgħu jiġu nnotifikati bi kwalunkwe metodu previst:
   (a) Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] fejn japplika, jiġu rrispettati d-drittijiet tad-destinatarju mogħtija mir-Regolament; jew
   (b) Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-15 ta' Novembru 1965 dwar is-Servizz Barra l-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extra-Ġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali jew kwalunkwe konvenzjoni jew ftehim li fihom din tapplika.

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extraġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000, (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79).

6. Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 u hija mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], u r-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2].

*Artikolu 18*

**Dritt għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti ċivili**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet fi proċedimenti ċivili jkollhom id-dritt għas-servizzi ta' avukat tal-għażla tagħhom b'tali mod li jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod prattiku u effettiv.

   F'tilwim transkonfinali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet għal proċedimenti ċivili jkollhom id-dritt għas-servizzi ta' avukat fl-Istat ta' Oriġini tagħhom għal parir preliminari, u ieħor fl-Istat Ospitanti biex iwettaq il-proċedura ta' tilwim.

2. L-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn il-partijiet f'kawża u l-avukat tagħhom. Tali komunikazzjoni għandha tinkludi l-laqgħat, il-korrispondenza, il-konversazzjoni telefonika u forom oħra ta' komunikazzjoni permessi skont id-dritt nazzjonali.

3. Mingħajr preġudizzju għad-dritt nazzjonali li jeħtieġ il-preżenza jew l-assistenza obbligatorja ta' avukat, il-partijiet għall-proċedura ċivili jistgħu jirrinunzjaw dritt imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fejn (a) il-partijiet ikunu ngħataw, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem dwar il-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja tiegħu; u (b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.

   L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-proċedimenti ċivili u li huma jiġu infurmati b'dik il-possibbiltà.

4. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ir-rappreżentazzjoni legali previsti fir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 u r-Regolament (UE) Nru 655/2014.

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 15).
[2] Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea (ĠU L 399, 30.12.2006, p. 1).
[3] Ir-Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1).

*Artikolu 19*

**Aċċess għall-informazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jipprovdu liċ-ċittadini b'informazzjoni trasparenti u faċilment disponibbli dwar il-bidu ta' diversi proċeduri, il-qrati kompetenti biex jisimgħu tilwim differenti, u l-formoli neċessarji li jridu jimtlew għal dak l-għan. Xejn f'dan l-Artikolu ma jirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu assistenza legali fil-forma ta' valutazzjoni legali ta' każ speċifiku.

*Artikolu 20*

**Obbligi tal-partijiet u tar-rappreżentanti tagħhom**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom jaġixxu b'rieda tajba u b'rispett fit-trattament tal-qorti u l-partijiet oħra u ma jirrappreżentawx b'mod żbaljat każijiet jew fatti quddiem il-qrati kemm konxjament kif ukoll b'raġunijiet tajbin li jkunu konxji.

*Artikolu 21*

**Proċedimenti pubbliċi**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċedimenti jkunu miftuħin għall-pubbliku sakemm il-Qorti ma tiddeċidix, sa fejn huwa meħtieġ, li tagħmilhom kunfidenzjali fl-interess ta' waħda mill-partijiet jew persuni oħrajn affettwati, jew fl-interess ġenerali tal-ġustizzja jew l-ordni pubbliku.

*Artikolu 22*

**Indipendenza ġuridika u imparzjalità**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati u t-tribunali u l-imħallfin tagħhom igawdu indipendenza ġuridika. Il-kompożizzjoni tal-qrati u t-tribunali għandha toffri garanziji suffiċjenti sabiex teskludi kwalunkwe dubju leġittimu dwar l-imparzjalità.

2. Fit-twettiq ta' dmirijiethom, l-imħallfin m'għandhom ikunu marbutin b'ebda struzzjoni u għandhom ikunu ħielsa minn kull influwenza jew pressjoni u minn kwalunkwe preġudizzju jew inklinazzjoni personali f'xi każ partikolari.

*Artikolu 23*

**Taħriġ**

1. Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura fl-Unjoni kollha, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ġudikatura, l-iskejjel

ġudizzjarji u l-professjonijiet legali jagħtu spinta lill-iskemi ta' taħriġ ġudizzjarju tagħhom biex jiżguraw li d-dritt u l-proċeduri tal-Unjoni huma integrati f'attivitajiet ta' taħriġ nazzjonali.

2. L-iskemi ta' taħriġ għandhom jiġu orjentati lejn il-prattika, ikunu rilevanti għall-prattikanti fix-xogħol ta' kuljum, isiru fuq termini qosra u jużaw metodi ta' tagħlim moderni u attivi u għandhom jinkludi possibbiltajiet ta' taħriġ inizjali u kontinwu. L-iskemi ta' taħriġ għandhom jiffukaw b'mod partikolari fuq:
   (a) il-kisba ta' biżżejjed konoxxenza tal-istrumenti tal-Unjoni għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-iżvilupp tal-kapaċità riflessiva li jirreferi b'mod regolari għall-ġurisprudenza Ewropea, li jivverifika t-traspożizzjoni nazzjonali u li jagħmel użu mill-proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar id-deċiżjonijiet preliminari;
   (b) it-tixrid ta' għarfien u esperjenza fid-dritt u l-proċeduri tal-Unjoni u f'sistemi ġuridiċi oħra;
   (c) il-faċilitazzjoni ta' skambji fuq termini qosra ta' mħallfin ġodda;
   (d) il-ħakma ta' lsien barrani u tat-terminoloġija ġuridika tiegħu;

## KAPITOLU III

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 24*

### Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa' ... [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 25*

### Rieżami

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025, u kull ħames snin minn hemm' il quddiem, tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva abbażi kemm ta' informazzjoni kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tivvaluta l-impatt tagħha fuq l-aċċess għall-ġustizzja, fuq il-

kooperazzjoni f'materji ċivili u fuq il-funzjonament tas-suq uniku, il-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea u l-fiduċja tal-konsumatur. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi biex jadattaw u jsaħħu din id-Direttiva.

*Artikolu 26*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 27*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi, [data]

| | |
|---|---|
| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
| Il-President | Il-President |

## NOTA SPJEGATTIVA

Il-proċedura ċivili tipprovdi l-mezzi għall-infurzar tad-drittijiet u l-obbligi sostantivi tal-partijiet ġuridiċi fi proċedimenti ġuridiċi. Bħala tali, hija marbuta b'mod inseparabbli mad-dritt fundamentali għal proċess ġust u rimedju effettiv iggarantiti skont il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 47 tagħha) u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Artikolu 6 tal-KEDB).

Id-diskussjonijiet dwar l-armonizzazzjoni tal-proċedura ċivili fl-UE bdew iktar minn għoxrin sena ilu bil-preżentazzjoni tal-istudju dwar l-approssimazzjoni tar-regoli ta' proċedura ċivili tal-Istati Membri (l-hekk imsejjaħ "Rapport Storme"). Minn dak iż-żmien ‘l hawn, l-UE adottat diversi miżuri bl-għan li jiġu approssimati r-regoli ta' proċedura ċivili tal-Istati Membri.

It-Trattat ta' Amsterdam ikkonferma l-kompetenza tal-UE fil-qasam tal-proċedura ċivili, u li din il-kompetenza ġiet estiża aktar permezz tat-Trattat ta' Lisbona. L-UE ilha taħdem għal bosta snin dwar standards minimi komuni fi proċedimenti kriminali u ċertu sett ta' dispożizzjonijiet bħal dawn diġà jeżisti fil-qasam tal-kooperazzjoni fil-ġustizzja kriminali fl-UE. Aktar importanti minn hekk, dawn il-miżuri mhumiex limitati għal tilwim transkonfinali, iżda l-proċedimenti kriminali kollha li japplikaw b'mod orizzontali. Madankollu, iċ-ċittadini Ewropej, speċjalment dawk li jaqsmu l-fruntieri, x'aktarx li jiġu f'kuntatt ma' sistemi ta' proċedura ċivili ta' Stat Membru ieħor. Ir-rapporteur jemmen li filwaqt li l-istabbiliment ta' drittijiet huwa importanti, dawn jistgħu jsiru realtà biss ladarba ikunu faċilment aċċessibbli għal dawk li huma intitolati għalihom. L-individwi għandhom jingħataw is-setgħa li jinvokaw dawn id-drittijiet kulfejn jinzertaw li jkunu fl-Unjoni, u għandhom ikunu jistgħu jaffermawhom inkluż permezz tal-qrati fi Stati Membri oħra billi jkollhom aċċess għalihom faċilment daqs li kieku kienu fl-Istat Membru tagħhom.

Bħalissa, m'hemm l-ebda liġi uniformi ta' proċedura ċivili fl-UE. Minflok, teżisti ħaġa moħġaġa regolatorja li tikkonsisti fi tliet tipi ewlenin ta' biċċiet: a) katina twila tal-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QtĠ-UE) dwar l-infurzar tad-drittijiet tad-dritt tal-UE fil-qrati tal-Istati Membri. Il-QtĠ-UE analizzat ir-regoli nazzjonali diverġenti dwar, fost l-oħrajn, limiti ta' żmien, miżuri provviżorji, regoli dwar il-provi, locus standi attiv jew passiv quddiem il-qrati, u kumpens, fejn ir-regoli proċedurali nazzjonali ma setgħux jiggarantixxu protezzjoni effettiva tad-drittijiet tad-dritt tal-UE; b) sett ta' partijiet speċifiċi skont is-settur tad-dritt sekondarju tal-UE, bl-introduzzjoni ta' regoli dettaljati dwar diversi kwistjonijiet ta' natura proċedurali li huma bbażati fuq l-Artikolu 114 TFUE. Dawn ir-regoli japplikaw kemm għal tilwim domestiku kif ukoll transkonfinali u huma relatati ma' temi proċedurali fundamentali, bħal pożizzjoni legali, jew mandati interlokutorji, regoli ta' identifikazzjoni, u miżuri provviżorji; ċ) serje ta' miżuri leġiżlattivi tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-ġustizzja ċivili, limitati għal tilwim transkonfinali u li jvarjaw minn minżuri uniformi tad-dritt privat internazzjonali liġi għal mekkaniżmi proċedurali awtonomi tal-UE li japplikaw flimkien ma' dawk nazzjonali għal tilwimiet domestiċi.

Minkejja dawn l-istrumenti, l-UE għadha nieqsa minn viżjoni ċara dwar il-funzjonament tad-dritt proċedurali ċivili komuni fl-ordni ġuridiku Ewropew. L-approċċ essenzjalment fattwali tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif ukoll l-inkapaċità li jiġu kkunsidrati r-regoli ta' rimedju u dawk proċedurali rilevanti fl-Istati Membri kollha, jimpedixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja milli

tistabbilixxi regoli dettaljati ta' proċedura ċivili tal-UE. Minkejja dan, ir-rapporteur jinnota b'sodisfazzjon il-kontribut mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali tal-Istati Membri, li rriżultat fit-tneħħija ta' piż ta' infurzar minn fuq l-Istituzzjonijiet tal-Unjoni, waqt li żiedet ukoll il-fehim miċ-ċittadini tal-Unjoni u l-qrati nazzjonali tal-ordni ġuridiku tal-UE. Barra minn hekk, minkejja l-eżistenza ta' strumenti settorjali tal-UE b'implikazzjonijiet tad-dritt proċedurali, ir-rapporteur jemmen li r-regolamentazzjoni tat-temi proċedurali ewlenin mill-ġdid għal kull qasam ta' attività tal-UE tista' twassal għal reġimi nazzjonali kkomplikati, intrinsikament inkonsistenti u diverġenti ħafna, skont il-kwistjoni sostantiva.

Ir-rapporteur jemmen li l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u l-approsimazzjoni neċessarja tal-leġiżlazzjoni jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet individwali. Iż-żieda fil-fiduċja reċiproka bejn is-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri se tikkontribwixxi wkoll għal funzjonament aħjar tas-Suq Intern u l-libertajiet fundamentali tal-Unjoni.

Bħala parti mill-bidla lejn Żona Ewropea ta' Ġustizzja bbażata fuq fiduċja reċiproka, standards komuni tal-proċedura ċivili issa jidher li huma indispensabbli. Fil-Pjan ta' Azzjoni li jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma, il-Kummissjoni ħabbret green paper dwar standards minimi għal proċeduri ċivili għall-2013.

Standards minimi komuni ma jeħdux post is-sistemi proċedurali nazzjonali fl-intier tagħhom, jew parzjalment, iżda jippermettu regoli proċedurali nazzjonali aktar protettivi u effettivi. Iktar importanti minn hekk, l-istandards proċedurali minimi fil-livell tal-UE jistgħu jikkontribwixxu għall-immodernizzar ta' proċedimenti nazzjonali, għal kundizzjonijiet ekwi għan-negozji, u biex jiżdied it-tkabbir ekonomiku permezz ta' sistemi ġudizzjarji effettivi u effiċjenti, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-aċċess taċ-ċittadini għall-ġustizzja fl-UE.

Ir-Rapporteur huwa tal-opinjoni li bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-Unjoni issa għandha l-għodda biex il-ħajja ta' kuljum tan-nies, u l-prattiki ta' negozju ta' kuljum, jiħfiefu, b'mod li jiġu rikonċiljati l-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tas-suq wieħed mad-diversità tat-tradizzjonijiet legali fost l-Istati Membri. Għalhekk, huwa sostnut li t-triq' il quddiem tikkonsisti fl-elaborazzjoni standards minimi sistemiċi ta' proċedura ċivili tal-UE fil-forma ta' direttiva orizzontali ġenerali. Dan iwassal biex tiżdied il-fiduċja reċiproka fost il-ġudikaturi tal-UE u jiġi żgurat bilanċ komuni madwar l-UE ta' drittijiet proċedurali fundamentali għal kawżi ċivili komuni.

Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' standards proċedurali komuni fil-livell tal-Unjoni x'aktarx tikkontribwixxi għal sensibilizzazzjoni ġenerali ikbar dwar ir-regoli proċedurali tal-UE u l-mekkaniżmi li diġà jeżistu. Jinkoraġġixxu wkoll il-kummerċ transkonfinali kemm mill-konsumaturi kif ukoll min-negozji minħabba żieda fil-fiduċja fis-sistemi proċedurali ta' stati oħra bħala riżultat ta' prinċipji proċedurali komuni. Fl-aħħar nett, dan l-iżvilupp jista' wkoll iwassal għal fiduċja akbar bejn il-ġudikaturi tal-Istati u għal sens ġenerali ikbar ta' ġustizzja, ċertezza u prevedibbiltà madwar l-Unjoni.

Matul il-konsultazzjonijiet u r-riċerka li wasslet għall-ħruġ ta' dan ir-rapport, ir-rapporteur wasal għall-konklużjoni li, għall-iskop li jitwettqu b'mod sħiħ l-għanijiet tal-politika ta' kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili b'enfasi fuq il-promozzjoni ta' fiduċja reċiproka fost il-ġudikaturi u fuq l-aċċess effettiv għall-ġustizzja, hu meħtieġ livell ta' koordinazzjoni, koerenza u sistemizzazzjoni li jmur lil hinn mill-fruntieri, l-interessi u r-riżorsi ta' Stat

Membru. Ir-rapporteur jargumenta li l-UE għandha tippromwovi riformi fid-dritt Ewropew tal-proċeduri ċivili u għalhekk huwa favur approċċ orizzontali bl-għan li jinħoloq sett ta' standards minimi komuni.

Dan ir-rapport fih proposta għal direttiva li għamdha titqies bħala l-ewwel pass fi proċess ta' armonizzazzjoni u konverġenza ulterjuri tas-sistemi tal-ġustizzja ċivili tal-Istati Membri u tal-ħolqien, fuq perjodu itwal, ta' Kodiċi Ewropew tal-Proċedura Ċivili. F'dan ir-rigward, azzjoni fil-livell tal-UE hija meqjusa meħtieġa.

Għal spjegazzjoni dettaljata tal-proposta leġiżlattiva, il-qarrej huwa riferut għall-anness għar-riżoluzzjoni ta' hawn fuq.